MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 786/2008

**Spiridione Bartolo**
**vs**
**Steve Glenister u martu Lisa Glenister**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' elf, mija u sitta u tlettin ewro u wiehed u hamsin ewro centezmu (€1136.51) rapprezentanti bilanc t'arretrati ta' dawl u ilma ghall-perjodu bejn Ottubru 2007 sa April, 2008 fil-fond *flat* 3, San Giovanni Flats, Triq is-Saghtar , Mellieha.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali inkluzi tal-mandat ta' sekwestru intavolat fit-3 ta' Ottubru, 2008.

Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li fis-seduta tat-2 ta’Dicembru, 2009 gie prezentat kapitolu mill-Avukat Mark Attard Montalto u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuti naqsu li jtikkontestaw il-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta’ l-attur bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------